# QORTI KOSTITUZZJONALI

**IMHALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMHALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMHALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 27 ta' Jannar 2017**

**Numru 6**
**Rikors numru 20/12 JZM**

**Kate Sullivan u Captain Michael Bonello**

**v.**

**L-Onorevoli Prim Ministru;**
**l-Onorevoli Ministru ghall-Affarijiet Barranin;**
**l-Onorevoli Ministru ghall-Gustizzja, Djalogu u l-Familja;**
**l-Avukat Generali u b'digriet tat-22 ta' Ottubru 2012**
**gie kjamat in kawza Mark Pace**

**Il-Qorti:**

Preliminari

1. Dan huwa appell ad istanza tar-rikorrenti minn sentenza [is-sentenza appellata] moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili, fil-kompetenza kostituzzjonali taghha, fit-30 ta' Gunju 2016, li in forza taghha dik il-Qorti cahdet it-talbiet kollha tar-rikorrenti ghal sejba ta' lezjoni tad-drittijiet fundamentali taghhom skont l-Artikoli 32 u 45(3) tal-Kostituzzjoni ta' Malta

[il-Kostituzzjoni] u l-Artikoli 8 u 14 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem [il-Konvenzjoni] kif ukoll l-Artikolu 13 tal-istess Konvenzjoni, u ordnat lir-rikorrenti sabiex ihallsu l-ispejjez kollha tal-kawza, inkluzi dawk relatati mas-sentenza parzjali moghtija minn dik il-Qorti fid-29 ta' April 2014.

2. Ghall-finijiet ta' kompletezza jinghad li b'sentenza parzjali moghtija fid-29 ta' April 2014 dik l-istess Qorti cahdet it-tieni eccezzjoni tal-Avukat Generali u l-ewwel eccezzjoni tal-kjamat fil-kawza u, wara li kkonsidrat illi r-rikorrenti ma kellhomx rimedju ordinarju xieraq, effettiv u adegwat li jindirizza l-allegat ksur tal-jeddijiet taghhom qabel ma intavolaw l-azzjoni odjerna, iddecidiet illi fl-ahjar interess tal-amministrazzjoni tal-gustizzja m'ghandhiex tiddeklina milli tezercita s-setghat taghha kostituzzjonali u konvenzjonali u ghalhekk ghandha tibqa' tisma' l-kaz fil-mertu.

<u>Mertu</u>

3. Ir-rikorrenti Kate Sullivan, imwielda fi New Zealand u ghandha cittadinanza Awstraljana, u Michael Bonello, cittadin malti, dahlu relazzjoni intima fis-sena 1968, meta l-istess rikorrent kien ghadu ghaddej minn proceduri ghal separazzjoni personali minn ma' martu. Sussegwentment, iddecidew illi jikru dar sabiex jistabbilixxu r-residenza taghhom u jifformaw familja. Eventwalment iddecidew illi jikru d-dar li ggib l-indirizz 2, Pjazza San Pawl, Imdina.

4. Minhabba li huma kienu ser jghixu fi stat ta' konkubinagg u, tenut kont li f'dak iz-zmien din l-attività kienet titqies bhala wahda kriminali a tenur tal-Artikoli 206 u 207 tal-Kodici Kriminali vigenti f'dak iz-zmien, sid il-fond, l-Avukat Dr Alessandro Depiro Gourgion, kien tahom parir sabiex l-iskrittura ta' lokazzjoni tigi ffirmata minn Kate Sullivan wahedha, li dak iz-zmien ma kenitx cittadina Maltija. Filfatt hekk sar u r-rikorrenti bdew jirrisjedu flimkien fid-dar imsemmija. Minn din ir-relazzjoni r-rikorrenti ghandhom zewgt itfal.

5. Fis-sena 1995, miet l-imsemmi l-Avukat Depiro Gougoin u fl-1997, ir-rikorrenti Kate Sullivan inghatat il-*congedo* mis-successur tieghu. Sussegwentement kienet giet ipprezentata kawza kontra r-rikorrenti sabiex dawn jizgumbraw mill-fond fuq imsemmi. B'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati tat-22 ta' Novembru 2010, kif konfermata mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fid-29 ta' Frar 2012, ir-rikorrenti gew ordnati jizgombraw mill-fond. B'decizjoni tal-15 ta' Marzu 2013, gie michud ukoll rikors ghal ritrattazzjoni pprezentat minnhom. Fil-frattemp, fil-25 ta' Ottubru <u>2002</u>, ir-rikorrenti Kate Sullivan talbet ghal u nghatat ic-cittadinanza Maltija.

6. Permezz tal-odjerni proceduri, ir-rikorrenti qeghdin jikkontendu inter alia illi l-Artikoli 206 u 207 tal-Kodici Kriminali[1], vigenti sas-sena 1973, kienu illegali u anti-kostituzzjonali; illi l-interpretazzjoni rigoruza tal-qrati

[1] Dawn kienu gew revokati bl-Att II/1973

tal-Artikolu 1012[2] tal-Kodici Civili fil-konfront ta' konkubini hija illegali u anti-kostituzzjonali; illi l-agir tal-Istat Malti fil-konfront taghhom u ta' persuni f'sitwazzjoni simili, jikkostitwixxi ksur tal-Artikoli 32 u 45(3) tal-Kostituzzjoni, u tal-Artikoli 8 u 14 tal-Konvenzjoni; illi l-istat Malti mhuwiex joffri rimedju effettiv ghalihom u ghal persuni ohra fl-istess sitwazzjoni bi ksur tal-Artikolu 14 u tal-Artikolu 13 tal-Konvenzjoni, u li l-Artikolu 5 tal-Kap. 158 tal-Ligijiet ta' Malta "ghandu japplika ghaliha personalment stante c-cirkostanzi" taghha; u talbu wkoll illi jigu remunerati ghal danni inkluz dawk morali rekati minnhom konsegwenza tal-ksur allegat.

Is-Sentenza Appellata

7. L-ewwel Qorti waslet ghad-decizjoni taghha, a bazi tas-segwenti konsiderazzjonijiet:

> "**IV. It-tielet eccezzjoni tal-Avukat Generali**
>
> "**L-Art 7 tal-Kap 319** ighid :–
>
> > "*Ebda ksur tal-Artikoli 2 sa 18 (inklużi) tal-Konvenzjoni jew tal-Artikoli 1 sa 3 (inklużi) tal-Ewwel Protokoll li jsir qabel it- 30 ta` April 1987 jew tal-Artikoli 1 sa 4 (inklużi) tar-Raba` Protokoll, l-Artikoli 1 u 2 tas-Sitt Protokoll jew tal-Artikoli 1 sa 5 (inklużi) tas-Seba` Protokoll li jsir qabel l-1 ta` April 2002, ma ghandu jaghti lok ghal xi azzjoni taht l-artikolu 4.*
>
> "Fis-sentenza li tat l-ECHR fil-5 ta` April 2011 fil-kaz ta` "**Gera de Petri Testaferrata Bonici Ghaxaq v. Malta**" inghad hekk :-
>
> > "*38. The Court observes that in the absence of an express limitation, the Maltese declaration of 30 April 1987 is retrospective and the Court is therefore competent to examine facts which occurred between 1967 the date of ratification and 1987 the date on which the State`s declaration under former Article 25 became effective (see Bezzina Wettinger and Others v. Malta, no. 15091/06, § 54, 8 April*

[2] ???

> *2008). As to the antecedent period, even though the Convention was applicable to Maltese territory, this had its basis in the United Kingdom`s Convention obligations. The present complaint is directed against the Maltese Government. Thus, the Court can only take into consideration the period which has elapsed since the Convention entered into force in respect of Malta (1967), although it will have regard to the stage reached in the proceedings by that date (see, for example, Humen v. Poland [GC], no. 26614/95, §§ 58-59, 15 October 1999).*

“**Abbazi tal-premess, billi r-rikorrenti qeghdin jikkontendu illi l-allegata vjolazzjoni subita bdiet isehh fl-1968/9, u billi t-tielet eccezzjoni tal-Avukat Generali hija ntiza biex tolqot safejn l-azzjoni tar-rikorrenti tikkoncerna allegat ksur tal-Konvenzjoni, l-istess eccezzjoni tal-Avukat Generali ma tistax tissussisti, u ghalhekk qeghda tkun michuda.**

“**V. <u>Ir-raba` eccezzjoni tal-Avukat Generali</u>**

“**Fin-nota ta` osservazzjonijiet tieghu, l-Avukat Generali ddikjara li ma kienx qieghed jinsisti fuq din l-eccezzjoni partikolari.**

“**Ghalhekk il-Qorti sejra tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri taghha.**

“**VI. <u>Il-hames eccezzjoni tal-Avukat Generali</u>**

“**<u>L-Art 47(7) tal-Kostituzzjoni</u>** jghid :-

> “*Sa tmiem ta` perijodu li jaghlaq fit-30 ta` Ġunju 1993, ebda haġa li hemm f`xi liġi speċifikata fl-Ewwel Skeda li tinsab ma` din il-Kostituzzjoni u, sat-tmiem ta` perijodu ta` tliet snin li jibda bil-ġurnata stabbilita, ebda haġa li hemm f`xi liġi ohra maghmula qabel il-ġurnata stabbilita ma titqies li tkun inkonsistenti mad-disposizzjonijiet tal-artikoli 33 sa 45 (maghdudin) ta` dan il-Kapitolu u, salv kif intqal qabel, ebda haġa maghmula skont l- awtorità ta` xi liġi bhal dik ma titqies li tkun saret bi ksur ta` dawk l-artikoli.*

“L-Ewwel Skeda tirreferi ghall-Kodicijiet fosthom il-Kodici Kriminali (Kap 9) u l-Kodici Civili (Kap 16).

“Issa fil-kaz tal-lum, ir-rikorrenti qeghdin jitolbu lill-Qorti sabiex tiddikjara bhala llegali u kontra l-Kostituzzjoni l-Art 206 u 207 tal-Kap 9 (l-ewwel talba) u li l-interpretazzjoni rigoruza tal-qrati taghna tal-Art 1012 tal-Kap 16 fil-konfront taghhom hija llegali u kontra l-Kostituzzjoni (it-tieni talba).

“**Il-Qorti tqis illi l-hames eccezzjoni hija ben fondata fil-konfront tat-talbiet tar-rikorrenti li ghalihom issir riferenza fil-paragrafu ta` qabel.**

“**<u>Ghar-rigward tal-ewwel talba</u>**, il-Qorti tghid hekk :-

"1) L-Art 206 u 207 thassru mill-Kodici Kriminali bl-Att II tal-1973. Dan ifisser illi b`effett mill-1973, dawk l-artikoli ma kellhomx aktar effett fuq ir-rikorrenti.

"2) Apparti dan, l-Art 47(7) tal-Kostituzzjoni jirrendi inammissibbli din it-talba kif dedotta.

"3) Apparti dan, hemm karenza evidenti tar-rekwizit tal-interess rikjest mil-ligi fit-talba tar-rikorrenti stante li ma jaghmel l-ebda sens guridiku li din il-Qorti tippronunzja ruhha dwar disposizzjonijiet tal-ligi li ilhom li thassru mill-Kodici Kriminali sa mill-1973.

"**Ghar-rigward tat-tieni talba**, il-Qorti tghid hekk :-

"1) L-Art 1012 tal-Kodici Civili (kif del resto d-disposizzjonijiet l-ohra tal-Kodici Civili) ma jistax jigi impunjat, in linea mat-tieni talba, in vista tal-Art 47(7) tal-Kostituzzjoni.

"2) Pero` anke li kieku, ghall-grazzja biss tal-argument, setghet tigi superata l-pregudizzjali tal-Art 47(7) tal-Kostituzzjoni, mhuwiex il-kompitu ta` qorti ta` indole kostituzzjonali li tissindaka l-interpretazzjoni li jaghtu l-qrati ordinarja ghal disposizzjoni tal-ligi. Fil-kaz tal-lum, jirrizulta li r-rikorrenti thallew jiddefendu ruhhom ghall-istanza civili promossa kontra taghhom quddiem it-tribunali u/jew qrati ordinarji, u mkien la hemm u lanqas fil-procediment odjern ma sar l-icken ilment li saret xi vjolazzjoni tal-jedd taghhom ghal smigh xieraq.

"**Ghalhekk l-ewwel u t-tieni talbiet tar-rikorrenti qeghdin jigu michuda**.

"**VII. It-talbiet l-ohra**

"**L-Art 32 tal-Kostituzzjoni** jghid :-

> "*Billi kull persuna f`Malta hija intitolata ghad-drittijiet u libertajiet fundamentali tal-individwu, jiġifieri, id-dritt, tkun xi tkun ir-razza, post ta` oriġini, fehmiet politiċi, kulur, twemmin, sess, orjentazzjoni sesswali jew identità tal-ġeneru taghha, iżda suġġett ghar-rispett tad-drittijiet u l-libertajiet ta` ohrajn u tal-interess pubbliku, ghal kull wahda u kollha kemm huma dawn li ġejjin, jiġifieri –*
>
> "*(a) il-hajja, libertà, sigurtà tal-persuna, it-tgawdija ta` proprjetà u l-protezzjoni tal-liġi ;*
>
> "*(b) il-libertà ta` kuxjenza, ta` espressjoni u ta` ghaqda u assoċjazzjoni paċifika ; u*
>
> "*(ċ) ir-rispett ghall-hajja privata u familjari tieghu,*
>
> "*id-disposizzjonijiet li ġejjin ta` dan il-Kapitolu jkollhom effett sabiex jaghtu protezzjoni ghad-drittijiet u libertajiet imsemmija qabel, salvi*

*dawk il-limitazzjonijiet ta` dik il-protezzjoni kif jinsabu f`dawk id-disposizzjonijiet li huma limitazzjonijiet mahsuba biex jiżguraw illi t-tgawdija tal-imsemmija drittijiet u libertajiet minn xi individwu ma tippreġudikax id-drittijiet u libertajiet ta` ohrajn jew l-interess pubbliku.*

"Il-Qorti tirrileva illi fl-Art 32 mhuwiex qieghed jigi stabbilit xi dritt li, bil-vjolazzjoni tieghu, ikun hemm ksur ta` jedd fundamentali tutelat bil-Kostituzzjoni. Dan ghaliex l-Art 32 huwa fis-sostanza dikjarazzjoni ta` liema huma d-drittijiet fundamentali tal-bniedem sostantivi li l-Kostituzzjoni qeghda thares bid-disposizzjonijiet ta` wara. Li din hija *la chiave di lettura* korretta tal-istat tad-dritt isib konferma bl-Art 46 tal-Kostituzzjoni li espressament jirreferi ghall-Art 33 sa l-Art 45, mhux ghall-Art 32, tal-Kostituzzjoni.

"**Ghalhekk fejn it-tielet talba tirrigwarda l-Kostituzzjoni, it-talba qeghda tkun respinta.**

"**Fl-istess talba, ir-rikorrenti jilmentaw minn vjolazzjoni tad-dritt fundamentali taghhom hekk kif tutelat bl-Art 8 tal-Konvenzjoni.**

"**L-Art 8** ighid :-

"*(1) Kulhadd ghandu d-dritt ghar-rispett tal-hajja privata tieghu u tal- familja tieghu, ta` daru u tal-korrispondenza tieghu.*

"*(2) Ma ghandux ikun hemm indhil minn awtorita` pubblika dwar l-eżerċizzju ta` dan id-dritt hlief dak li jkun skond il-liġi u li jkun mehtieġ f`soċjeta` demokratika fl-interessi tas-sigurta` nazzjonali, sigurta` pubblika jew il-ġid ekonomiku tal-pajjiż, biex jiġi evitat id-diżordni jew l-eghmil ta` delitti, ghall- protezzjoni tas-sahha jew tal-morali, jew ghall-protezzjoni tad-drittijiet jew libertajiet ta` haddiehor.*

"Fis-sentenza taghha tat-22 ta` Dicembru 2003 fil-kaz ta` "**YF vs Turkey**" l-ECHR qalet :–

";*The Court observes that Article 8 is clearly applicable to these complaints, which concern a matter of "private life", a concept which covers the physical and psychological integrity of a person (see X and Y v. the Netherlands, judgment of 26 March 1985, Series A no. 91, p.11, § 22). It reiterates in this connection that a person`s body concerns the most intimate aspect of private life. Thus, a compulsory medical intervention, even if it is of minor importance, constitutes an interference with this right (see X v. Austria, no. 8278/78, Commission decision of 13 December 1979, Decisions and Reports (DR) 18, p. 155, and Acmanne and Others v. Belgium, no. 10435/83, Commission decision of 10 December 1984, DR 40, p. 254).*

"Fis-sentenza taghha tat-12 ta` Jannar 2006 fil-kaz ta` "**Mizzi vs Malta**" l- ECHR qalet :–

"*… The Court reiterates that the essential object of Article 8 is to protect the individual against arbitrary action by public authorities. There may in addition be positive obligations inherent in ensuring effective "respect" for private or family life. These obligations may involve the adoption of measures designed to secure respect for private life even in the sphere of the relations of individuals between themselves (see Mikulić, cited above, § 57).*

"*106. However, the boundaries between the State`s positive and negative obligations under this provision do not lend themselves to precise definition. The applicable principles are nonetheless similar. In both contexts regard must be had to the fair balance that has to be struck between the competing interests of the individual and of the community as a whole; and in both contexts the State enjoys a certain margin of appreciation (see Keegan v. Ireland, judgment of 26 May 1994, Series A no. 290, p. 19, § 49, and Kroon and Others, cited above, p. 56, § 31).*

"Riferibbilment ghall-fattispeci tal-kawza tal-lum, jirrizulta illi meta sar il-kuntratt ta` kiri fil-25 ta` Lulju 1968, ir-rikorrent Bonello kien ghadu fil-process li jinfired legalment minn martu, u ghalhekk dik l-iskrittura kienet saret biss mir-rikorrenti Sullivan bhala inkwilina, minhabba l-fatt li dak z-zmien kienu ghadhom vigenti l-Artikoli 206 u 207 tal-Kodici Kriminali. Bonello jghid li huwa ssepara legalment fis-27 ta` Dicembru 1968 mentri minn Jannar 1969, iz-zewg rikorrenti bdew ighixu flimkien. Ir-rikorrenti jilmentaw li l-istat ta` konkubinat kien impost fuqhom minhabba l-ligijiet vigenti dak iz-zmien. Isostnu wkoll li l-Art 5 tal-Kap 158 huwa diskriminatorju fil-konfront ta` Sullivan.

"Il-bazi tal-ilment tar-rikorrenti huwa illi kien hemm vjolazzjoni tad-drittijiet fundamentali taghhom minhabba l-indhil jew l-ghemil tal-Istat illi ghamel mill-konkubinat reat kriminali tant illi kienu pprivati milli jiffirmaw l-iskrittura tal-kera flimkien u kienu kostretti li tiffirma r-rikorrenti Sullivan wahedha. Jestendu l-ilment taghhom billi jikkontendu illi l-Istat naqas milli jaghmel ligi sabiex persuni li jkunu qeghdin fl-istess sitwazzjoni taghhom ikollhom harsien xieraq. Ghalhekk l-ilment tar-rikorrenti huwa marbut kemm mal-aspett tal-harsien tar-rispett ghall-hajja privata u kif ukoll harsien tar-rispett ghal hajja tal-familja taghhom.

"Il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza ta` din il-Qorti (**JRM**) tal-20 ta` Ottubru 2015 fil-kawza "**Rosalie Darmanin vs il-Prim Ministru et**" fejn il-Qorti kellha l-okkazjoni li tqis allegata vjolazzjoni tal-Art 8 tal-Konvenzjoni ghaliex ir-rikorrenti lmentat illi l-Istat Malti kien naqas milli jaghti ligi fejn jirregola l-konkubinagg u l-effetti tal-istess wara li tintemm dik ir-relazzjoni.

"Il-Qorti qalet hekk :-

"*Illi tajjeb li jinghad li "hajja privata" fl-artikolu 8 tal-Konvenzjoni ghandha tifsira wiesgha li tghodd fiha l-aspetti tal-hajja fiżika u soċjali tal-persuna. Minbarra dan, ladarba l-istess artikolu hu mahsub li jhares*

*il-jedd għall- ħajja tal-familja, hu mistenni li tintwera l-eżistenza tal-familja fiċ- ċirkostanzi li jqajmu l-ilment u li din iċ-ċirkostanza hija waħda ta` fatt. Madankollu, għall-finijiet tal-istess artikolu, b``familja` wieħed ma jifhimx biss familja mnissla b`rabta ta` żwieġ, imma wkoll familji ta` fatt li jgħixu flimkien barra ż-żwieġ u wkoll fejn ir-relazzjoni tkun bejn persuni tal- istess ġeneru, jew fejn ir-relazzjoni saħansitra ma tkunx waħda ta` koabitazzjoni. Jingħad ukoll li l-firxa tal-artikolu 8 tal-Konvenzjoni tgħodd ukoll dwar relazzjonijiet jew rabtiet ta` `familja` li għad iridu jew potenzjalment jistgħu jiżviluppaw bejn il-persuni involuti (ġeneralment rabtiet bejn ulied u ġenituri) ;*

"*Illi b`żieda ma` dan kollu, għall-finijiet tal-Konvenzjoni, `ħajja tal-familja` ma taħsibx biss f`rabtiet soċjali, morali u kulturali, imma tgħodd fiha interessi ta` xeħta materjali jew partimonjali bħalma huma kwestjonijiet ta` manteniment jew qsim tal-ġid miġmugħ ukoll jekk dan isir mal-mewt ta` waħda mill-partijiet. Għaliex għalkemm kwestjonijiet bħal dawn "are not normally exercised until the estate-owner`s death, that is at time when family life undergoes a changeor even comes to an end, this does not mean that no issueconcerning such rights may arise before the death: the distribution of the estate may be settled, and in practice fairly often is settled, by the making of a will or of a gift on account of a future inheritance; it therefore represents a feature of family life that cannot be disregarded" ;*

"*…*

"*Illi huwa minnu li fis-sistema ġuridiku Malti ma hawn l-ebda liġi li tirregola b`mod speċifiku r-relazzjonijiet konkubinali jew more uxorio, partikolarment fejn xi waħda jew iż-żewġ partijiet ikunu għadhom marbuta b`rabta ta` żwieġ ma` ħaddieħor. Minkejja li l-leġislatur għamel liġi speċjali li tħares l-unjonijiet ċivili, din ma tgħoddx għal rabtiet bħalma kienet ir-relazzjoni tar-rikorrenti u l-persuna li għexet magħha. Għalhekk, ir-rikorrenti ma setgħetx tinqeda bl-effetti ta` unjoni bħal dik fi tmiem ir-relazzjoni tagħha, apparti li fil-każ tagħha r-relazzjoni kienet ilha li ntemmet żmien twil qabel daħlet fis-seħħ l-imsemmija liġi. Lanqas ma hawn mod kif issir ir-reġistrazzjoni ta` relazzjonijiet bħal dik li kellha r-rikorrenti. Madankollu, ma jistax jingħad lanqas li l-liġi hija għal kollox sajma biex tħares jew tirregola l-effetti – wkoll patrimonjali – ta` persuni f`relazzjoni konkubinali mat-tmiem tagħha. Dan jingħad l-aktar fid-dawl tal-fatt li, għall-kuntrarju ta` dak li tallega r-rikorrenti fir-rikors promotur tagħha, il-Qrati Maltin m`għadhomx iqisu relazzjoni bħal dik bħala waħda li tmur kontra l-morali jew l-ordni pubbliku. Għalhekk, ma hemm xejn x`iżomm lil persuni li jkunu daħlin jew ikunu jinsabu f`relazzjoni bħal din li jagħmlu bejniethom patti jew ftehim dwar aspetti tat-tmexxija jew il-qsim ta` ġid magħmul minnhom matul dik ir-relazzjoni, liema ftehim ikunu wkoll eżegwibbli taħt il-liġi. Dan jgħodd ukoll fil-każ ta` ftehim li jkun jirrigwarda x`jiġri wara li r-relazzjoni tintemm ;*

"*Illi, mbagħad, f`każijiet bħalma hu dak tar-rikorrenti, tqies li l-Istat ma għandu l-ebda obbligazzjoni jew rabta li jagħti lil persuni f`relazzjoni konkubinali jew more uxorio l-istess ħarsien mogħti lil persuni f`rabta ta` żwieġ bla ma b`daqshekk ikun naqas milli jwettaq ir-rabta li `jirrispetta` l- ħajja privata u tal-familja tal-istess persuni għaliex "Article 8 cannot be interpreted as imposing an obligation to establish a*

*special regime for a particular category of unmarried couples". Il-Konvenzjoni nnifisha taghti gharfien partikolari ghall-istat taż-żwieġ fl-artikolu 12 taghha, liema gharfien ma taghtihx lil relazzjoni bejn persuni barra miż-żwieġ u t-trattament li l-Konvenzjoni taghti lil persuni miżżewġa ma jitqiesx li jghodd jew imissu jghodd ukoll ghal min ma jkunx f`rabta ta` żwieġ. F`dan ir-rigward, il-Qorti taqbel mas-sottomissjonijiet tal-intimati meta jghidu l-Konvenzjoni ma titfa` l-ebda piż fuq l-Istat biex iqis tal-istess kejl iż-żwieġ jew unjoni ċivili reġistrata mar-relazzjoni konkubinali. L-Istat ghandu kull jedd li jaghti gharfien partikolari liż-żwieġ jew unjoni ċivili u li ma jaghtix dak l-istess gharfien lil relazzjonijiet ta` fatt ohrajn"*

"Din il-gurisprudenza tghodd ghall-kaz tal-lum.

"Huwa evidenti illi l-iskop tar-rikorrenti illi jintavolaw dan il-procediment kien il-konsegwenza ta` sentenza definittiva li taw il-qrati ordinarji kontra r-rikorrenti Sullivan fejn kien ordnat l-izgumbrament taghha mill-fond 2, Misrah San Pawl, Mdina, ghaliex ma kellhiex il-protezzjoni li l-Kap 158 jaghti lil cittadini Maltin.

"Hija l-fehma ta` din il-Qorti illi ma jistax iregi l-ilment tar-rikorrenti dwar l-Art 206 u 207 tal-Kodici Kriminali. Kien ippruvat infatti li dawn id-disposizzjonijiet thassru bl-Att II tal-1973. Ghalhekk jekk tassew is-sid kien jirrikonoxxi liz-zewg rikorrenti, ghalkemm fl-iskrittura tal-kirja ir-rikorrenti Sullivan wahedha kienet l-inkwilina, wara r-revoka ta` dawk id-disposizzjonijiet, ir-rikorrenti kellhom kull opportunita li jergghu jitkellmu mas-sid li, skont ir-rikorrenti stess, kien ukoll habib taghhom, sabiex l-iskrittura tal-kirja tinbidel sabiex formalment u espressament iz-zewg rikorrenti jkunu l-inkwilini. Ma saret l-ebda prova li r-rikorrenti mqar ittentaw ikellmu lis-sid f`dan is-sens bil-konsegwenza li lanqas saret il-prova li r-rikorrenti ghamlu l-proposta lis-sid u dan irrifjuta. Ghalhekk ir-rikorrenti ma jistghux jilmentaw minn pregudizzju subit.

"Ilment iehor tar-rikorrenti Sullivan huwa dwar l-Art 5 tal-Kap 158 fejn tidhol ic-cittadinanza. Jirrizulta ppruvat illi l-ewwel darba illi r-rikorrenti Sullivan applikat li biex issir cittadina Maltija kien fl-1975 izda dak iz-zmien it-talba taghha kienet respinta. Jirrizulta li fl-1987 inbidlet il-ligi izda dak iz-zmien r-rikorrenti Sullivan ghazlet li ma taghmilx applikazzjoni gdida ghac-cittadinanza Maltija ghaliex kien ikollha tirrinunzja ghac-cittadinanza Awstraljana u ghall-jedd li tapplika biex tikseb ic-cittadinanza ta` New Zealand. Jirrizulta li kien biss fl-2000 illi r-rikorrenti Sullivan rega` applikat ghaliex dak iz-zmien setghet tikseb c-cittadinanza doppja, billi mbaghad fl-2002, inbidlet ukoll il-ligi tal-Awstralja li kienet tikkoncedi lir-rikorrenti l-jedd li zzomm c-cittadinanza tal-Awstralja jekk tkun kisbet ic-cittadinanza ta` Malta. Ghal din il-Qorti, din is-sekwenza ta` fatti tfisser illi kienet ghazla tar-rikorrenti li ma titlobx li tikseb ic-cittadinanza Maltija qabel l-2000.

"Fid-decizjoni li tat l-ECHR fil-15 ta` Jannar 2007 fil-kaz ta` "**<u>Sisoyeva and others v. Latvia</u>** inghad illi –

> "*This principle applies to immigration matters as well as in other spheres. Hence, as the Court has reaffirmed on several occasions, Article 8 cannot be construed as guaranteeing, as such, the right to a particular type of residence permit. Where the domestic legislation provides for several different types, the Court must analyse the legal and practical implications of issuing a particular permit. If it allows the holder to reside within the territory of the host country and to exercise freely there the right to respect for his or her private and family life, the granting of such a permit represents in principle a sufficient measure to meet the requirements of that provision. In such cases, the Court is not empowered to rule on whether the individual concerned should be granted one particular legal status rather than another, that choice being a matter for the domestic authorities alone (see Aristimuño Mendizabal v. France, no. 51431/99, § 66, 17 January 2006; Dremlyuga v. Latvia (dec.), no. 66729/01, 29 April 2003; and Gribenko v. Latvia (dec.), no. 76878/01, 15 May 2003; see also the admissibility decision of 28 February 2002 in the present case).*

"Fid-decizjoni li tat l-ECHR fit-3 ta` Ottubru 2014 fil-kaz ta` "**Jeunesse v. The Netherlands**" inghad illi –

> "*While the essential object of Article 8 is to protect the individual against arbitrary action by the public authorities, there may in addition be positive obligations inherent in effective `respect` for family life. However, the boundaries between the State`s positive and negative obligations under this provision do not lend themselves to precise definition. The applicable principles are, nonetheless, similar. In both contexts regard must be had to the fair balance that has to be struck between the competing interests of the individual and of the community as a whole; and in both contexts the State enjoys a certain margin of appreciation.*
>
> "*…*
>
> "*Where immigration is concerned, Article 8 cannot be considered to impose on a State a general obligation to respect a married couple`s choice of country for their matrimonial residence or to authorise family reunification on its territory. Nevertheless, in a case which concerns family life as well as immigration, the extent of a State`s obligations to admit to its territory relatives of persons residing there will vary according to the particular circumstances of the persons involved and the general interest. Factors to be taken into account in this context are the extent to which family life would effectively be ruptured, the extent of the ties in the Contracting State, whether there are insurmountable obstacles in the way of the family living in the country of origin of the alien concerned and whether there are factors of immigration control (for example, a history of breaches of immigration law) or considerations of public order weighing in favour of exclusion (see Butt v. Norway, cited above, § 78).*
>
> "*Another important consideration is whether family life was created at a time when the persons involved were aware that the immigration status of one of them was such that the persistence of that family life*

> *within the host State would from the outset be precarious. It is the Court`s well-established case-law that, where this is the case, it is likely only to be in exceptional circumstances that the removal of the non-national family member will constitute a violation of Article 8 (see Abdulaziz, Cabales and Balkandali v. the United Kingdom, judgment of 28 May 1985, Series A no. 94, p. 94, § 68; Mitchell v. the United Kingdom (dec.), no. 40447/98, 24 November 1998; Ajayi and Others v. the United Kingdom (dec.), no. 27663/95, 22 June 1999; M. v. the United Kingdom (dec.), no. 25087/06, 24 June 2008; Rodrigues da Silva and Hoogkamer v. the Netherlands, cited above, § 39; Arvelo Aponte v. the Netherlands, cited above, §§ 57-58; and Butt v. Norway, cited above, § 78).*

"B`din il-gurisprudenza fl-isfond, din il-Qorti tirrileva illi r-rikorrenti Kate Sullivan kellha l-opportunita illi titlob li takkwista c-cittadinanza Maltija sa mill-1987. Kienet biss ghazla taghha illi hi ma ghamlitx dan sabiex, kif taccetta hija stess, ma titlifx ic-cittadinanza Awstraljana taghha u l-jedd li titlob li tinghata c-cittadinanza ta` New Zealand. Fil-fatt kien biss meta seta` jkollha cittadinanza doppja illi Kate Sullivan rega` applikat sabiex ssir cittadina ta` Malta. U Sullivan kienet edotta wkoll mill-fatt li ghax issir cittadina ta` Malta, kienet se tikseb drittijiet li ghandu kull cittadin Malti iehor. Meta tqis dan l-assjem ta` fatti, jinsorgi reali t-thassib ta` din il-Qorti illi r-rikorrenti ttentaw dan il-procediment bhala stratagemma bil-ghan li jipprovaw jevitaw l-izgumbrament mill-fond 2, Misrah San Pawl, Mdina. Li kieku din mhijiex l-interpretazzjoni korretta tal-fatti, il-Qorti ma ssib l-ebda raguni li taghmel sens ghaliex r-rikorrenti stennew sal-2012 sabiex iressqu ilmenti dwar ksur ta` jeddijiet fondamentali tutelati bil-Kostituzzjoni u bil-Konvenzjoni. Huwa evidenti illi r-r-rikorrenti ttentaw dan il-procediment wara li ghaddiet in gudikat il-kawza quddiem il-qrati ordinarji li kienet bdiet fl-1997 u ntemmet bis-sentenza dwar ir-ritrattazzjoni. Ghal din il-Qorti dan tar-rikorrenti ma kien xejn anqas minn tentattiv li jaghmlu abbuz tal-process gudizzjarju.

"Inoltre jinghad mir-rikorrenti illi bl-Art 5 tal-Kap 158 u bl-interpretazzjoni tal-Art 1012 tal-Kap 16 kien hemm lezjoni tal-Art 8 tal-Konvenzjoni.

"**L-Art 1012 tal-Kap 16** ighid illi *l-kważi-kuntratt huwa fatt leċitu u volontarju, li minnu tohroġ obbligazzjoni lejn persuna ohra, jew obbligazzjoni tal- partijiet lejn xulxin.*

"Meta kienet qeghda tqis il-hames eccezzjoni tal-Avukat Generali, il-Qorti esprimiet ruhha dwar il-pretensjoni tar-rikorrenti fir-rigward ta` din id-disposizzjoni u ghalhekk ma hemmx xi zzid ma` dak li diga` kien osservat.

"**L-Art 5 tal-Kap 158** ighid :–

> "*Meta fit-tmiem ta` kirja ta` dar ta` abitazzjoni mnehhija mill-kontroll (sew jekk dak iz-zmien ikun skont ftehim legali, skond l-uzu jew xort`*

*ohra) il-kerrej ikun cittadin ta` Malta u jkun jokkupa d-dar bhala r-residenza ordinarja tieghu, id-disposizzjonijiet tal-Ordinanza li tirregola Tigdid tal-Kiri tal-Bini ghandhom japplikaw ukoll izda biss safejn dawn ma jkunux inkonsistenti ma` l-imsemmija disposizzjonijiet ta` dan l-artikolu.*

"Il-konsiderazzjonijiet li jaghmlu r-rikorrenti dwar din id-disposizzjoni fejn jidhol l-indhil tal-Istat huma aktar attinenti meta tigi allegata vjolazzjoni tal-Art 1 Prot 1 tal-Konvenzjoni milli tal-Art 8.

"Il-parametri ghall-evalwazzjoni ta` jekk l-interferenza tal-Istat tkunx permissibbli inkella le huma : i) li l-mizura li jiehu l-Istat trid tkun saret f`qafas legali ; ii) li l-iskop tal-mizura jkun legittimu u iii) li l-mizura zzomm bilanc gust u proporzjonat bejn l-iskop socjali u l-htiega li jigu rispettati d-drittijiet fundamentali tas-sidien.

"Fil-kawza tal-lum mhumiex s-sidien li qeghdin jilmentaw minn vjolazzjoni tad-drittijiet fundamentali taghhom. Lanqas ma qieghed isir ilment dwar xi vjolazzjoni tad-dritt fundamentali ghat-tgawdija tal-proprjeta`. L-ilment tar-rikorrent dwar l-Art 5 tal-Kap 158 qed isir fil-kuntest tal-Art 8 tal-Konvenzjoni u minhabba din l-imposizzjoni ma jistax jigi riskontrat ksur tal-Art 8.

"Ghal dak li jirrigwarda l-ilment dwar diskriminazzjoni skont l-Art 45 tal-Kostituzzjoni, ghandu jinghad illi ghalkemm l-Art 45 huwa distint, mhuwiex applikabbli fejn il-fatti tal-kaz ma jaqghux fl-ambitu ta` vjolazzjonijiet ohra ta` jeddijiet ohra tutelati mill-Kostituzzjoni. Ghalhekk ladarba fil-kaz tal-lum, il-Qorti mhijiex qeghda ssib ksur ta` jeddijiet fondamentali ohra, l-Art 45 ma jistax jigi applikat".

<u>L-Appell</u>

8. Ir-rikorrenti jibbazaw l-appell taghhom fuq zewg aggravji li fil-parti preliminari tar-rikors tal-appell taghhom fissruhom hekk:

"[i] illi l-ewwel Qorti ghamlu apprezzament hazin tal-fatti li rrzultaw fil-mori tal-proceduri, filwaqt li [ii] rrikorriet ghal principji zbaljati fil-gudikat taghha..".

9. Ghaldaqstant qed jitolbu lil din il-Qorti sabiex tirriforma s-sentenza appellata, billi tirrevokaha u, filwaqt illi tichad l-eccezzjonijiet kollha

sollevati mill-appellati intimati, tilqa' t-talbiet kollha tar-rikorrenti, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-intimat appellat.

10. Minn naha tieghu, l-intimat Avukat Generali, b'risposta tat-2 ta' Awwissu 2016, ghar-ragunijiet hemmhekk premessi, talab lil din il-Qorti sabiex tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellanti.

11. B'risposta pprezentata fit-8 ta' Awwissu 2016, il-kjamat fil-kawza Mark Pace ssottometta inter alia, illi s-sentenza appellata hija gusta u jisthoqqilha tigi konfermata.

<u>L-Aggravji</u>

*L-Ewwel Aggravju*

12. Permezz ta' dan l-aggravju, ir-rikorrenti jilmentaw minn lezjoni tad-dritt fundamentali taghhom protett bl-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni. Jispjegaw li huma dejjem ghexu bhala familja, izda r-relazzjoni taghhom qatt ma giet rikonoxxuta mill-iStat Malti. Jissenjalaw li mid-deposizzjoni taghhom jirrizultaw is-segwenti: li huma ma setghux jizzewwgu stante li r-rikorrent kien separat u dak iz-zmien ma kienx jezisti f'Malta d-divorzju; li huma kellhom problema meta r-rikorrenti Michael Bonello mar biex jirregistra lit-tfal komuni taghhom bhala wliedu wara t-twelid taghhom,

ghax l-ufficjali tar-Registru Pubbliku riedu illi l-ulied imwielda minn din ir-relazzjoni jigu registrati b'*unknown father*; li sabiex ir-rikorrenti setghet tibqa' Malta biex tkompli tghix mar-rikorrent u ma' wliehom hija kellha testendi l-visa fuq bazi regolari; li r-rikorrenti Kate Sullivan ma setghetx tahdem f'Malta, u biex tipprova tahdem kellha ggib avvizi fil-gazzetta ghal tliet darbiet konsekuttivi fejn tiddikjara wkoll illi bl-impjieg taghha ma kenitx ser tiehu impjieg li seta' jiehdu cittadin Malti; li l-istess rikorrenti ma kenitx intitolata ghal ebda beneficju, anzi, darba minnhom ghaliex kienet qed tahdem mal-Konsulat tal-Oman, kienu arrestawha l-Puluzija u riedu jiddiportawha, izda meta qalitilhom li kellha t-tfal l-awtoritajiet lokali wegbuha li setghet titlaq b'tifel wiehed u thalli lill-iehor warajha; wara dan l-incident, missier ir-rikorrenti kellu jaghmel garanzija bi flus/proprjetà tieghu personali fl-Awstralja biex hija setghet tibqa' f'dawn il-gzejjer.

13. Huma jkomplu jfissru l-aggravju billi jissenjalaw illi r-relazzjoni ta' konkubinat "kienet giet imposta fuqhom mill-istat" u ma kenitx b'ghazla taghhom li sas-sena 1973 kien reat kriminali punibbli bi prigunerija li ragel izomm konkubina. Izda, anke wara, minkejja li l-Artikoli 206 u 207 tal-Kodici Kriminali kienu gew aboliti, il-Qrati Civili, tramite l-interpretazzjoni rigoruza taghhom tal-Artikolu "1045" tal-Kodici Civili, baqghu jinterpretaw il-konkubinat bhala att immorali, u li ghandu jkun penalizzat. Dan wassal sabiex ir-rikorrenti kellhom dejjem jezercitaw kawtela, minhabba illi fil-ligi ma kienux rikonoxxuti bhala familja.

14. Ir-rikorrenti jissenjalaw li fil-kawza fl-ismijiet **Elsie Darmanin v. Richard Faulkner** deciza fil-15 ta' Dicembru 1988 il-Prim'Awla tal-Qorti Civili rriteniet illi: "Il-qorti ma tistax taghti decizzjoni li thalli sitwazzjoni ta' konkubinat, ghax din mhux biss tmur kontra i-morali pubblika imma wkoll kontra l-ligi". Fl-istess waqt jirreferu ghas-sentenza tal-Qorti Ewropea fil-kaz **Johnston and others v. Ireland** deciza fit-18 ta' Dicembru 1986 fejn dik il-Qorti osserva illi: "The principles which emerge from the Court's case law on Article 8 include the following: 'a) by guaranteeing the right to respect for the family life, Article 8 presupposes the existence of a family;' b) 'article 8 applies to the family life of the illegitimate family as well as that of the legitimate family:' c) 'although the essential object of Article 8 is to protect the individual against arbitrary interference by the public authorities, there may in addition be positive oblgations inherent in an effective respect for family life ..".

15. Jirreferu wkoll ghall-kaz **Keegan v. Ireland** deciz fis-26 ta' Mejju 1994 fejn il-Qorti Ewropea rriteniet illi: "the Court recalls that the notion of family in this provision is not confined solely to marriage based relationships and may encompass other de facto 'family' ties where parties are living together outside marriage".

16. Rigward is-sentenza citata mill-ewwel Qorti, fl-ismijiet **Rosalie Darmanin v. il-Prim Ministru et** deciza fl-20 ta' Ottubru 2015 fejn il-

Prim'Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) osservat illi l-qrati Maltin m'ghadhomx iqisu relazzjoni bhal dik bhala wahda li tmur kontra l-morali jew l-ordni pubbliku, ir-rikorrenti jissenjalaw li dik is-sentenza u l-hsieb hemm espress hija wahda ricentissima.

17. Ir-rikorrenti jkomplu jissottomettu li, kif jirrizulta mill-provi, sakemm gie nieqes Dr Depiro Gourgion fis-sena 1995, il-Qrati Maltin kienu filfatt ghadhom iqisu l-konkubinat bhala att immorali u illegali, u ghalhekk skont huma dik is-sentenza m'ghandhiex tapplika ghal kaz odjern.

18. Barra minn hekk, kif konfermat mix-xhud Mark Sultana, rapprezentant tad-Dipartiment tac-Cittadinanzi u Expatriates [a fol 385 et seq] ir-rikorrenti ma kienet tgawdi ebda drittijiet sakemm saret cittadina Maltija.

19. L-Avukat Generali jilqa' ghall-ewwel aggravju tar-rikorrenti bil-mod segwenti.

> "11. Illi effettivament l-esponent m'hu bl-ebda mod responsabbli ghar-riperkussjonijiet tal-parir legali allegatament moghti mill-Avukat Dr Alessandro Depiro Gourgion lir-rikorrenti sabiex l-iskrittura ta' kera tigi iffirmata minn Kate Sullivan wahedha, liema parir ir-rikorrenti ghogobhom jaccettaw;
>
> "12. Illi minghajr pregudizzju, l-artikoli 206 u 207 tal-Kodici Kriminali .. [kienu] gew effettivament imhassra permezz tal-emenda numru 3 tal-Att Nru II tal-1973 u ghalhekk, *dato ma non concesso* li l-uniku raguni ghalfejn l-appellant Michael Bonello ma ffirmax il- kuntratt tal-kera flimkien ma Kate Sullivan kienet unikament minhabba dawn l- artikoli tal-ligi, mid-dhul fis-sehh tal-imsemmi Att, fid-29 ta' Jannar tal- 1973 'l

quddiem, ma kien hemm xejn x' jostakola lir-rikorrenti milli jitolbu lis-sid tal-fond jirrikonoxxi anke lil Michael Bonello bahala inkwilin;

"13. Illi madankollu, mix-xhieda ta' Michael Bonello tat-2 t' Ottubru 2014 jirrizulta li, minkejja li l-allegat impediment legali kien gie ssorvolat in kwantu d-disposizzjonijiet rilevanti tal-Kodici Kriminali thassru, Michael Bonello ma giex rikonoxxut bhala inkwilin, minkejja li r-rikorrenti appellanti ghadhom sallum jallegaw illi l-Avukat Dr Depiro Gourgion kien irrikonoxxa [verbalment] lir-rikorrent Michael Bonello bhala inkwilin. Mistoqsija ghalfejn ma rrettifikawx l-iskrittura tal-kirja wara li gew mhassra [l-imsemmija artikoli] tal-Kodici Kriminali l-appellanti Kate Sullivan, fix-xhieda taghha tal-1 ta' Dicembru 2014, semplicement irrispondiet *'it was never brought up'.* Bir-rispett dovut, huwa ghal kollxox inawdit li r- rikorrenti, wara snin ta' passivita, meta kellhom kull cans jirregolaw l-posizzjoni taghhom jallegaw li ligi li kienet giet abrogata fl-1973 kienet tilledilhom id-dritt tal-familija;

"14. Illi effettivament, l-Onorabbli Qorti tal-Magistrati (Malta) kif ukoll il-Qorti tal- Appell iddecidew *li 'pagament da parte tal-konvenut dejjem sar ghan-nom tal-istess konvenuta l-ohra, u [ir-rikorrent] bhala tali qatt ma hallas bhala kerrej, u lanqas gie qatt rikonoxxut bhala tali'*;

"15. Illi bir-rispett dovut, bl-ebda tigbid tal-immaginazzjoni ma jista' jinghad li il-Qrati Maltin kienu filfatt ghadhom iqisu l-konkubinat bhala att immorali u lilegali' kif allegat mill-appellanti fir-rikors tal-appell taghhom. Effettivament jirrizulta mill-atti li d-decizjonijiet tal-Qrati Civili fil-kawza bin-numru 2284/97 fl- ismijiet *'Depiro Gourgion Doris et vs Sullivan Kate et'* jillimitaw ruhhom ghall- apprezzament tal-fatti fil-kuntest tal-ligijiet civili applikabbli u ma jghmlu l-ebda forma ta' gudizzju morali fuq ir-rikorrenti;

"16. Illi l-appellanti jilmentaw li [huma] mhux rikonoxxuti bhala familja. Dwar dan jigi rilevat li skont il-ligi civili vigenti ma hemm xejn x'josta lir-rikorrenti Michael Bonello jikseb d-divorzju u jizzeweg civilment lir-rikorrenti Kate Sullivan. Madankollu, mistoqsi jekk bdiex proceduri ghal divorzju wara li l-ligi Maltija giet emendata fl-2011, Michael Bonello irrisponda le u kien biss term wara, fl-2015 u fil-mori ta' din il-kawza, li Michael Bonello ipprezenta dokumentazzjoni relattiva ghad-divorzju mill-mara precedenti tieghu. Isegwi ghalhekk li kull allegazzjoni li qieghed jigi lez id-dritt tar-rikorrenti a tenur tal-artikolu 32 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea hija ghal kollox infondata u insostenibbli;".

20. L-intimat ikompli jissenjala li l-allegazzjonijet meritu tal-kawza odjerna qeghdin isiru mir-rikorrenti in vista tas-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati, konfermata mill-Qorti tal-Appell tad-29 ta' Frar 2012 li permezz

taghha l-Qorti ordnat l-izgumbrament taghhom mill-fond de quo, filwaqt li l-istess rikorrenti baqghu passivi anke meta fis-sena 1973 kienu gew abrogati l-artikoli precitati mill-Kodici Kriminali. Ghal xi raguni li jafu huma biss, wara dik is-sena ma jirrizulta li sar ebda tentattiv sabiex ir-rikorrenti Michael Bonello jirregola mas-sid il-posizzjoni tieghu kif xtaq.

21. Apparti minn hekk, hemm il-konsiderazzjoni li, minkejja l-ligi vigenti anke qabel is-sena 1973, huma baqghu jirrisjedu bhala familja ghal dawn l-ahhar 43 sena flimkien u maz-zewg uliedhom, u ghalhekk, fid-dawl ta' dan il-fatt, ftit taghmel sens l-allegazzjoni tar-rikorrenti li fil-passat kien gie lez id-dritt taghhom ghall-hajja privata u tal-familja.

*Konsiderazzjonijiet tal-Qorti*

22. Dan il-gravam huwa bbazat fuq in-nuqqas tal-ewwel Qorti illi ssib lezjoni tad-dritt taghhom ghal familja skont l-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea. Dan l-Artikolu jipprovdi:

> "(1) Kulhadd ghandu d-dritt ghar-rispett tal-hajja privata tieghu u tal-familja tieghu, ta' daru u tal-korrispondenza tieghu.
>
> "(2) Ma ghandux ikun hemm indhil minn awtorita' pubblika dwar l-ezercizzju ta' dan id-dritt hlief dak li jkun skont il-ligi u li jkun mehtieg f'socjeta' demokratika fl-interessi tas-sigurta' nazzjonali, sigurta' pubblika jew il-gid ekonomiku tal-pajjiz, biex jigi evitat id-dizordni jew l-eghmil ta' delitti, ghall-protezzjoni tas-sahha jew tal-morali, jew ghall-protezzjoni tad-drittijiet jew libertajiet ta' haddiehor".

23. Fl-ewwel lok, din il-Qorti tibda bl-osservazzjoni generika illi, ghalkemm ir-rikorrenti jilmentaw minn apprezzament hazin tal-fatti u principji zbaljati fil-gudikat tal-ewwel Qorti, fit-trattazzjoni tal-aggravji taghhom jonqsu milli jindikaw jew jispjegaw f'liema parti, il-gudikat tal-ewwel Qorti huwa milqut minn dawn id-difetti.

24. Rigward il-meritu ta' dan l-aggravju, din il-Qorti tosserva li, kif korrettement sottomess mill-intimat, wara li fis-sena 1973 l-Artikoli 206 u 207 tal-Kodici Kriminali kienu gew abrogati, ir-rikorrent Michael Bonello, una volta sorvolati l-implikazzjonijiet kriminali minhabba l-istat tal-konvivenza tieghu mar-rikorrenti Sullivan, kellu l-opportunità kollha li jitlob lill-sid il-kera li jirrikonoxxih bhala inkwilin jew ko-inkwilin fuq il-kuntratt tal-kera in kwistjoni, *multo magis* meta hu stess jixhed illi sid il-kera l-Avukat Depiro Gourgion kien habib tal-familja.[3] Fid-dawl ta' din il-konsiderazzjoni kellha ragun l-ewwel Qorti tosserva li "jekk tassew is-sid kien jirrikonoxxi liz-zewg rikorrenti, ghalkemm fl-iskrittura tal-kirja ir-rikorrenti Sullivan waheda kienet inkwilina, wara r-revoka ta' dawk id-disposizzjonijiet, ir-rikorrenti kellhom kull opportunità li jergghu jitkellmu mas-sid ….. sabiex formalment u espressament iz-zewg rikorrenti jkunu l-inkwilini".

25. Ga ladarba r-rikorrenti ghazlu li jibqghu passivi fir-rigward, din il-Qorti qajla tista' taccetta l-argument illi provvedimenti tal-ligi li gew abrogati ghexieren ta' snin ilu, illedew id-dritt ghall-familja tar-rikorrenti,

[3] Vide xhieda ta' Michael Bonello a fol 523

izjed u izjed fid-dawl tal-fatt li, minkejja d-difikultajiet kollha li rriskontraw matul iz-zmien, huma ghamlu circa 43 sena jikkonvivu flimkien f'Malta bhala familja, sa minn qabel is-sena 1973.

26. Ghaldaqstant jirrizulta car li l-kwistjoni li r-rikorrenti ghandhom mas-successur ta' sid il-kera hija wahda purament civili, jigifieri li meta fis-sena 1997 inghata l-*congedo*, ir-rikorrent ma kienx inkwilin f'ghajnejn il-ligi u r-rikorrenti Sullivan ma kenitx ghadha applikat ghac-cittadinanza Maltija, bir-rizultat li dak l-imsemmi l-Artikolu 5 ma kienx applikabbli ghar-rikorrenti.

27. Fic-cirkostanzi tal-kaz, huma opportuni s-segwenti osservazzjonijiet.

28. Illi ladarba r-rikorrenti ghazlet li ma tiehux il-mizuri rikjesti sabiex tkun konformi mal-Artikolu 5 tal-Kap. 158, fiz-zmien meta hija setghet tiehu dawk il-mizuri, ma tistax validament issostni li l-inapplikabbilità fil-konfront taghha ta' dik id-disposizzjoni ta' ligi, hija leziva tad-dritt konvenzjonali taghha kontemplat fl-Artikolu 8.

29. Barra minn hekk, mhijiex korretta s-sottomissjoni tar-rikorrenti li r-relazzjoni ta' konkubinagg "kienet giet imposta fuqhom mill-istat". Ma kienx l-istat li impona r-relazzjoni ta' bejniethom, izda kienu r-rikorrenti

stess li ghazlu li jidhlu f'din it-tip ta' relazzjoni minkejja li kienu konsapevoli tal-fatt li f'dak iz-zmien l-istat, mhux biss ma kienx jirrikonoxxiha fl-ordinament guridiku tieghu, izda kien addirittura jiskorraggiha billi jaghmilha punibbli kriminalment. Inoltre ma jirrizulta ebda ostakolu li r-rikorrenti jkomplu bir-relazzjoni taghhom f'pajjiz iehor, izda ladarba huma ghazlu li jghixu f'Malta huma kellhom josservaw il-ligijiet ta' dan il-pajjiz. B'zieda ma' dan jinghad li l-istat m'ghandu ebda obbligu li jirrikonoxxi jew jirregola kull relazzjoni li tnejn minn nies jaghzlu li jidhlu fiha. Fir-rigward hija relevanti l-osservazzjoni maghmula mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kompetenza kostituzzjonali taghha fil-kaz **Rosalie Darmanin v. Il-Prim Ministru et** fis-sentenza moghtija fl-20 ta' Ottubru 2015, li giet ukoll citata mill-ewwel Qorti:

> "Illi, …… "Article 8 cannot be interpreted as imposing an obligation to establish a special regime for a particular category of unmarried couples".[4] Il-Konvenzjoni nnifisha tagħti għarfien partikolari għall-istat taż-żwieġ fl-artikolu 12 tagħha, liema għarfien ma tagħtihx lil relazzjoni bejn persuni barra miż-żwieġ u ttrattament li l-Konvenzjoni tagħti lil persuni miżżewġa ma jitqiesx li jgħodd jew imissu jgħodd ukoll għal min ma jkunx f'rabta ta' żwieġ.[5] F'dan ir-rigward, il-Qorti taqbel mas-sottomissjonijiet tal-intimati meta jgħidu l-Konvenzjoni ma titfa' l-ebda piż fuq l-Istat biex iqis tal-istess kejl iż-żwieġ jew unjoni ċivili reġistrata mar-relazzjoni konkubinali".

30. Fl-ahhar nett hija flokha l-osservazzjoni li r-rikorrenti, ghajr ghas-sentenza moghtija fil-kawza fl-ismijiet **Elsie Darmanin v. Richard**

---

[4] Q.E.D.B. (GC) 18.12.1986 fil-kawża fl-ismijiet Johnston et vs Irlanda (Applik. Nru. 9697/82) §68

[5] H Swindells, A Neaves et Family Law and the Human Rights Act 1998 (1999) §§ 12.32 – 12.36, f'paġ.

**Faulkner**[6], liema sentenza ma jirrizultax jekk kenitx giet appellata jew le, ma indikaw ebda sentenza ohra in sostenn tal-allegazzjoni taghhom li l-qrati civili, tramite l-interpretazzjoni rigoruza taghhom tal-Artikolu 1012 tal-Kodici Civili, baqghu jinterpretaw il-konkubinat bhala att immorali, u li ghandu jkun penalizzat. Din il-Qorti ma tarax kif sentenza wahda moghtija minn qorti tal-ewwel istanza tista' tittiehed bhala kejl li jirrifletti l-linja gurisprudenzjali dwar l-artikolu precitat mehuda mill-qrati fiz-zminijiet li fiha inghatat is-sentenza citata.

31. Ghaldaqstant dan l-aggravju huwa manifestament infondat u qed jigi michud.

*It-Tieni Aggravju*

32. Ir-rikorrenti jilmentaw illi, b'konsegwenza tas-sitwazzjoni taghha f'dawn il-gzejjer, Kate Sullivan ma setghetx tapplika ghac-cittadinanza Maltija minghajr ma tirrinunzja ghal dik Awstraljana, u dan minhabba l-biza li, f'kaz li kellu jigi nieqes ir-rikorrent Michael Bonello, hi ma kenitx tkun intitolata ghal beneficju socjali mill-Awstralja biex tghajjex lil uliedha. Jissottomettu ghalhekk illi hija ma kenitx ghadha saret cittadina Maltija fis-sena tal-*congedo* fl-1997 imma mhux b'ghazla taghha imma minhabba c-cirkostanzi taghha u ta' wliedha.

[6] Il-meritu ta' dik il-kawza kien wahda ta' spoll.

33. L-Avukat Generali jwiegeb billi jissottometti, inter alia, illi d-disposizzjonijiet tal-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni u/jew l-Artikolu 32 tal-Kostituzzjoni, ma jaghtu ebda dritt li wiehed jikseb xi nazzjonalità jew cittadinanza partikolari. Id-decizjoni ta' Kate Sullivan li ma tapplikax ghac-cittadinanza fis-sena 1987 kienet decizjoni taghha mehuda a bazi ta' konsiderazzjonijiet li ma jistax jinzamm responsabbli ghalihom l-istat Malti. Jichad ukoll l-allegazzjoni illi l-Artikolu 5 tal-Kap. 158 huwa diskriminatorju fil-konfront ta' Kate Sullivan u wliedha u l-kelma 'diskriminatorju' ma tikkomprendix dak li qed tallega r-rikorrenti Kate Sullivan. Jghid li fil-kaz odjern ma hemm ebda diskriminazzjoni in kwantu hemm distinzjoni netta bejn diskriminazzjoni razzjali u legislazzjoni li tapplika ghal u torbot cittadini Maltin kif jaghmel l-Artikolu 5 tal-Kap. 158. Izid jghid li l-ghan wara dak l-artikolu huwa wiehed socjali li jaghti protezzjoni lic-cittadini Maltin f'materja ta' housing. Izda anke jekk *dato ma non concesso* kellu jitqies li qed issir xi forma ta' diskriminazzjoni, hemm bazi oggettiva u ragonevoli ghal tali trattament differenti.

*Konsiderazzjonijiet tal-Qorti*

34. Ir-rikorrenti jilmentaw illi Kate Sullivan ma applikatx ghac-cittadinanza Maltija fis-sena 1987, kif kienet intitolata, mhux b'ghazla taghha, imma minhabba c-cirkostanzi taghha u ta' wliedha.

35. Mill-provi jirrizulta[7] illi, wara bidla fil-*policies* tal-gvern Malti, ir-rikorrenti Kate Sullivan kienet intitolata tapplika ghal u takkwista c-cittadinanza Maltija sa mis-sena 1987, izda hija ghazlet li titlobha biss fis-sena 2000, ghaliex kien biss f'dak iz-zmien illi setghet tottjeni cittadinanza doppja, li kien ifisser illi bl-akkwist tac-cittadinanza Maltija hija ma kenitx ser titlef ic-cittadinanza Awstraljana taghha.

36. Din il-Qorti tosserva illi kienu x'kienu r-ragunijiet li wasslu lir-rikorrenti Kate Sullivan ghad-decizjoni li ma tapplikax ghac-cittadinanza Maltija fis-sena 1987, anke jekk dik id-decizjoni kienet motivata mill-interessi taghha u ta' wliedha, jibqa' l-fatt li l-iStat Malti ma jistax jnzamm responsabbli ghal decizjoni unilaterali taghha. Il-fatt illi, kif jissottomettu r-rikorrenti, id-decizjoni taghha kienet idettata mic-cirkostanzi taghha u ta' wliedha, ma jbiddel xejn mill-konsiderazzjoni illi kienet ghazla taghha u ta' hadd izjed illi ma tapplikax ghac-cittadinanza qabel is-sena 1997 meta allura ma kenitx ghadha nghatat il-*congedo* mis-successur ta' sid il-kera. Ghalhekk, *imputet sibi* u l-konsegwenzi ta' tali decizjoni ma jistghux jigu akkollati lill-istat.

37. Ferm il-premess, jigi ribadit li l-akkwist tac-cittadinanza m'huwiex dritt li jaqa' taht il-kappa tal-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni, u ghalhekk ma

[7]Vide xhieda ta' Dr Astrid May Grima mid-Dipartiment tac-Cittadinanza u Expatriates (fol 565 et seq)

jistax jinghad li kien hemm indhil fi dritt protett b'dak l-artikolu.[8] B'zieda ma' dan jigi osservat li, ghalkemm il-Konvenzjoni thares il-jedd ghar-rispett tal-familja, ma taghtix jedd lil dak li jkun li jistabilixxi hajja tal-familja fit-territorju ta' stat li jaghzel hu.[9]

38. Rigward il-punt dwar id-diskriminazzjon li ghamel referenza ghaliha l-intimat Avukat Generali, din il-Qorti ser titrattah fit-trattazzjoni tal-aggravju li jmiss, fejn l-istess punt gie sollegat mir-rikorrenti fit-tielet aggravju taghhom.

39. Ghaldaqstant anke dan l-aggravju huwa manifestament infondat u qed jigi michud.

*It-Tielet Aggravju*

40. Ir-rikorrenti jilmentaw mill-fatt illi l-qrati civili rrifjutaw illi jirrikonoxxu lir-rikorrent Michael Bonello bhala inkwilin tal-fond 2, Misrah San Pawl, Mdina, minkejja li Dr Depiro Gourgion kien irrikonoxxieh bhala inkwilin fil-*ledgers* tieghu u minkejja li l-flus tal-kera kien ihallashom hu.

41. Ir-rikorrenti komplew fissru hekk dan l-aggravju:

[8] Vide in materja Q.Kos. **Tarek Mohammed Ibrahim v. Vici Prim Ministru**, deciza 13 ta' Gunju 2016

[9] Vide in materja PA [Kos] **Claudine Desira et v. Direttur tar-Registru Pubbliku u Registratur taz-Zwieg**, 23 ta' Frar 2012, konfermata minn din il-Qorti fid-9 ta' Novembru 2012

> “Illi di piu’, is-subinciz tal-artikolu 5 tal-Kap.158 huwa diskriminatorju fil-konfront tar-rikorrenti Kate Sullivan stante li hija ilha tirrisjedi fil-fond 2 Misrah San Pawl Mdina sa mis-sena 1968 fejn iffurmat familja mas-sieheb taghha li hu Malti sa minn twelidu, u kellhom [ghandhom] zewg ulied cittadini maltin.
>
> “Illi di piu’ is-subinciz 3 tal-artikolu 5 tal-Kap.158 jikser id-dispozizzjonijiet tal-artikoli 32 u 45 tal-Kostituzzjoni fis-sens li huwa diskriminatorju fil-konfront taghha minhabba li l-istat qatt ma rrikonoxxa l-konkubinat, filwaqt li l-qrati taghna bdew jirrikonoxxu din ir-rejalta’ recentement, u anke minhabba l-fatt li l-appellanti Sullivan ma setghetx issir cittadina maltija qabel is-sena 1992”.

42. L-Avukat Generali jwiegeb ghal dan l-aggravju billi jaghmel referenza ghas-sottomissjonijiet tieghu taht it-tieni aggravju kif ukoll ghas-sottomissjonijiet tieghu quddiem l-ewwel Qorti u jtenni li l-allegazzjonijiet tar-rikorrenti huma fattwalment u legalment infondati. Minghajr pregudizzju jissenjala wkoll illi ma hemm ebda aggravju dwar dik il-parti tas-sentenza appellata fejn l-ewwel Qorti laqghet il-hames eccezzjoni preliminari tieghu fis-sens li kull allegat ksur tal-Kostituzzjoni huwa inammissibbli *ratione temporis*, b’dan illi dik il-parti tad-decizjoni hija res judicata.

43. Il-kjamat in kawza Mark Pace wiegeb ghar-rikors tal-appell tar-rikorrenti billi, inter alia, issottometta li rrizulta b’mod evidenti illi r-rikorrenti pprezentaw dan ir-rikors kostituzzjonali bl-iskop uniku li jtawlu kemm jista’ jkun il-perijodu ta’ abitazzjoni illegali fil-fond imsemmi u b’hekk jipprivaw lilu milli jgawdi legitimament u legalment il-proprjetà tieghu, u jghid li dan gie kkonfermat mill-istess sentenza appellata.

44. Jissottometti illi mit-tmien talbiet tal-appellanti dik li direttament tirrigwarda lilu hija il-hames talba li tirreferi ghall-Artikolu 5 tal-Kap. 158 tal-ligijiet ta Malta. Jghid illi l-kawza ta' zgumbrament saret fis-sena 1997, filwaqt li r-rikorrenti Sullivan kienet ilha tghix Malta mis-sena 1968, jigifieri qabel ma giet promulgata l-ligi fis-sena 1979 riferibilment ghall-Artikolu 5 fuq imsemmi. Sa mis-sena 1987 (qabel il-kawza ta' zgumbrament) l-appellanti kellha d-dritt li tapplika ghac-cittadinanza Maltija u li kieku ghamlet hekk l-istess artikolu kien jaghtiha, bhala cittadina Maltija, id-dritt li tibqa' tabita fil-fond, izda minflok, hija ghazlet li ma tuzax dan id-dritt ghar-ragunijiet personali taghha, senjatament peress li ma rieditx titlef ic-cittadinanza Awstraljana.

45. Jghid ukoll illi l-kondizzjoni dwar in-nazzjonalità stabbilita fl-Artikolu 5 tirrizulta f'numru ta' ligijiet nostrani bhal per ezempju dik tal-akkwist ta' immobbli minn barranin.

46. Jissottometti illi f'dan ir-rikors l-appellanti fil-proceduri tal-izgumbrament giet citata fil-vesti taghha personali u mhux fil-kwalità ta' konkubina. Inoltre fir-rikors odjern ma hemm ebda talba da parti tal-appellanti biex jitolbu t-thassir tat-tlett sentenzi ta' zgumbrament kontrihom li ghaddew in gudikat u li sal-lum, minhabba l-prezenti proceduri, hu qed jigi ipprivat mit-tgawdija tal-proprjetà tieghu.

*Konsiderazzjonijiet tal-Qorti*

47. Ir-rikorrenti jilmentaw fl-ewwel lok mill-fatt illi l-qrati civili naqsu milli jirrikonoxxu lir-rikorrent Michael Bonello bhala ko-inkwilin, u fit-tieni lok mill-fatt illi l-Artikolu 5 tal-Kap. 158 huwa diskriminatorju fil-konfront tar-rikorrenti Sullivan.

48. Fl-ewwel lok jigi senjalat illi din ma hijiex qorti tat-tielet jew tar-raba' grad. Il-lanjanza dwar il-fatt li r-rikorrent Michael Bonello kellu jigi rikonoxxut giet trattata quddiem il-Qorti tal-Magistrati, il-Qorti tal-Appell u sahansitra permezz ta' proceduri ta' ritrattazzjoni. Ghalhekk tali lment huwa f'dan l-istadju ghal kollox barra minn loku u din il-Qorti ma hijiex ser tiddilunga fuqu inutilment.

49. L-aggravju tar-rikorrenti jfalli anke fir-rigward tal-ilment taghhom illi l-Artikolu 5 huwa diskriminatorju fil-konfront tar-rikorrenti Kate Sullivan peress li ma kenitx cittadina Maltija meta l-Kap. 158 kien gie emendat bl-Att XXIII tas-sena 1979 u ghaliex l-iStat Malti qatt ma rrikonoxxa l-konkubinat.

50. Illi l-artikolu konvenzjonali relevanti, l-Artikolu 14 jaqra testwalment hekk:

> “It-tgawdija tad-drittijiet u libertajiet kontemplati f’ din il-Konenvjoni ghandha tigi assigurata minghajr diskriminazzjoni, ghal kull raguni bhal ma huma, s-sess, razza kulur, lingwa, religjon, opinjoni politika jew opinjoni ohra, origini nazzjonali jew socjali, assocjazzjoni ma’ minoranza nazzjonali, proprjeta’, twelid jew status iehor”.

Illi kif jirrizulta, kemm mit-termini tal-aggravju kif ukoll mit-talbiet dedotti mir-rikorrenti fir-rikors promotur u, senjatament it-tielet talba, jirrizulta li r-rikorrenti mhux qed jorbtu d-diskriminazzjoni allegata minnhom mal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni, izda mal-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni.

Fil-fatt it-tielet talba taqra hekk:

> “3.Taqta’ u tiddecidi billi tiddikjara l-agir ta’ l-Istat Malti fil-konfront taghhom u ta’ persuni f’ sitwazzjoni simili, liema agir ghadu in vigore sallum bhala wiehed li jikkostitwixxi ksur tal-Kostituzzjoni ta’ Malta partikolarment l-artikoli 32 u 45 [3] tal-istess Kostituzzjoni, tal-Kap.319 tal-Ligijiet ta’ Malta kif ukoll tal-artikoli 8 u 14 tal-Konvenzjoni Ewropeja Dwar id-Drittijiet tal-Bniedem;”.[10]

51. Illi kif ga spjegat fl-ezami taz-zewg aggravji precedenti din il-Qorti kkonsidrat li fil-kaz odjern ma tikkonfigurax vjolazzjoni tal-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni, principalment abbazi tal-fatt pacifiku li ghal snin twal ir-rikorrenti ghexu flimkien bhala familja mat-tfal taghhom mir-relazzjoni ta’ bejniethom. Ghaldaqstant ladarba ma gietx riskontrata interferenza mad-dritt sancit bl-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni, ma tistax tissussisti l-

[10] Imbaghad il-hames talba taqra hekk: “Taqta’ u tiddecidi li l-artikolu 5 tal-Kap.158 tal-Ligijiet ta’ Malta ghandu japplika ghaliha personalment stante c-cirkostanzi su esposti.”

allegazzjoni ta' diskriminazzjoni b'referenza ghad-dritt protett fl-artikolu msemmi.

Decide

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti tiddeciedi billi: tichad l-appell tar-rikorrenti, u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier taghha. L-ispejjez taz-zewg istanzi ghandhom ikunu a kariku tar-rikorrenti.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>Prim Imhallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imhallef | Noel Cuschieri<br>Imhallef |

Deputat Registratur
mb